REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2020/1634

tal-4 ta' Novembru 2020

li jawtorizza t-tqegħid fis-suq ta' zokkor miksub mill-polpa tal-kawkaw (*Theobroma cacao* L.) bħala ikel ġdid skont ir-Regolament (UE) 2015/2283 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2470

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2015/2283 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2015 dwar ikel ġdid, li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1169/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 258/97 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1852/2001 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 12 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) 2015/2283 jipprevedi li l-ikel ġdid awtorizzat u inkluż fil-lista tal-Unjoni biss jista' jitqiegħed fis-suq fl-Unjoni.

(2) F'konformità mal-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) 2015/2283, ġie adottat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2470 ([2]) li jistabbilixxi lista tal-Unjoni ta' ikel ġdid awtorizzat.

(3) F'konformità mal-Artikolu 12 tar-Regolament (UE) 2015/2283, il-Kummissjoni trid tiddeċiedi dwar l-awtorizzazzjoni u t-tqegħid ta' ikel ġdid fis-suq tal-Unjoni u dwar l-aġġornament tal-lista tal-Unjoni.

(4) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/206 ([3]) awtorizza t-tqegħid fis-suq tal-polpa tal-frott, tal-meraq tal-polpa u tal-meraq ikkonċentrat tal-polpa tat-*Theobroma cacao* L. bħala ikel tradizzjonali minn pajjiż terz skont ir-Regolament (UE) 2015/2283 u emenda l-lista tal-Unjoni ta' ikel ġdid awtorizzat.

(5) Fit-22 ta' Novembru 2019, il-kumpanija Cabosse Naturals NV ("l-applikant") ippreżentat applikazzjoni lill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 10(1) tar-Regolament (UE) 2015/2283 biex tqiegħed iz-zokkor miksub mill-polpa tal-kawkaw (*Theobroma cacao* L.) fis-suq tal-Unjoni bħala ikel ġdid. L-applikant talab li z-zokkor miksub mill-polpa tal-kawkaw (*Theobroma cacao* L.) jintuża bħala ingredjent mill-popolazzjoni ġenerali.

(6) Iz-zokkor jinkiseb permezz ta' proċess ta' tnixxif jew permezz ta' proċess ta' purifikazzjoni li jneħħi l-indewwa żejda u l-komponenti l-oħra preżenti fil-meraq ikkonċentrat tal-polpa tat-*Theobroma cacao* L.

(7) Il-Kummissjoni tqis li mhijiex meħtieġa evalwazzjoni tas-sikurezza tal-applikazzjoni attwali mill-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel f'konformità mal-Artikolu 10(3) tar-Regolament (UE) 2015/2283. Iz-zokkor miksub mill-meraq ikkonċentrat tal-polpa tat-*Theobroma cacao* L. permezz tat-tnixxif jew permezz tal-purifikazzjoni huwa identiku għaz-zokkor preżenti b'mod naturali fil-polpa tal-kawkaw (*Theobroma cacao* L.) u prinċipalment huwa magħmul minn glukożju u fruttożju li għandhom storja twila ta' użu sikur fl-ikel, u b'hekk l-awtorizzazzjoni taz-zokkor ma tibdilx il-kunsiderazzjonijiet tas-sikurezza li appoġġaw l-awtorizzazzjoni tal-meraq ikkonċentrat tal-polpa tat-*Theobroma cacao* L. bħala ikel tradizzjonali.

([1]) ĠU L 327, 11.12.2015, p. 1.

([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2470 tal-20 ta' Diċembru 2017 li jistabbilixxi l-lista tal-Unjoni tal-ikel ġdid skont ir-Regolament (UE) 2015/2283 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ikel ġdid (ĠU L 351, 30.12.2017, p. 72).

([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/206 tal-14 ta' Frar 2020 li jawtorizza t-tqegħid fis-suq tal-polpa tal-frott, tal-meraq tal-polpa u tal-meraq ikkonċentrat tal-polpa tat-*Theobroma cacao* L. bħala ikel tradizzjonali minn pajjiż terz skont ir-Regolament (UE) 2015/2283 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2470 (ĠU L 43, 17.2.2020, p. 66).

(8) L-informazzjoni mogħtija fl-applikazzjoni tagħti biżżejjed raġunijiet biex jiġi stabbilit li l-użi u l-livelli tal-użu proposti taz-zokkor bħala ikel ġdid miksub mill-polpa tal-kawkaw (*Theobroma cacao* L.) jikkonformaw mal-Artikolu 12 tar-Regolament (UE) 2015/2283.

(9) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Iz-zokkor miksub mill-polpa tal-kawkaw (*Theobroma cacao* L.) kif speċifikat fl-Anness ta' dan ir-Regolament għandu jiddaħħal fil-lista tal-Unjoni tal-ikel ġdid awtorizzat stabbilita bir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/2470.

2. L-entrata fil-lista tal-Unjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha tinkludi l-kundizzjonijiet tal-użu u r-rekwiżiti tat-tikkettar stipulati fl-Anness.

Artikolu 2

L-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/2470 huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-4 ta' Novembru 2020.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

L-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/2470 huwa emendat kif ġej:

(1) fit-Tabella 1 (Ikel ġdid awtorizzat), tiddaħħal l-entrata li ġejja f'ordni alfabetika:

Ikel ġdid awtorizzat	Kundizzjonijiet li skonthom jista' jintuża l-ikel ġdid	Rekwiżiti addizzjonali tat-tikkettar speċifiku	Rekwiżiti oħra
"Zokkor miksub mill-polpa tal-kawkaw (*Theobroma cacao* L.)	Mhux speċifikat	Id-denominazzjoni tal-ikel ġdid fuq it-tikkettar tal-oġġetti tal-ikel li fihom minn dan l-ikel għandha tkun 'zokkor miksub mill-polpa tal-kawkaw (*Theobroma cacao* L.)', 'Glukożju miksub mill-polpa tal-kawkaw (*Theobroma cacao* L.)' jew 'Fruttożju miksub mill-polpa tal-kawkaw (*Theobroma cacao* L.)', skont il-forma użata."	

(2) fit-Tabella 2 (Speċifikazzjonijiet), tiddaħħal l-entrata li ġejja fl-ordni alfabetika:

Ikel ġdid awtorizzat	Speċifikazzjonijiet
"Zokkor miksub mill-polpa tal-kawkaw (*Theobroma cacao* L.)	**Deskrizzjoni/Definizzjoni:** Iz-zokkor jinkiseb mill-meraq ikkonċentrat tal-polpa tal-kawkaw (*Theobroma cacao* L.) jew permezz ta' proċess ta' tnixxif jew permezz ta' proċess ta' purifikazzjoni għall-produzzjoni ta' glukożju jew fruttożju ta' purità għolja. **Zokkor prodott bi proċess ta' tnixxif** Kompożizzjoni nutrizzjonali: Zokkor totali (g/100 g): > 80 Ndewwa (%): < 5 Kriterji mikrobijoloġiċi: Għadd Totali tal-Kolonji (aerobiku) (cfu/g): < 10^4 Moffa u Ħmira (cfu/g): < 50 Enterobacteriaceae (cfu/g): < 10 *Salmonella* spp.: Assenza f'25 g *Alicyclobacillus:* Assenza f'50 g Batterji termoaċidofiliċi: Assenza f'50 g **Zokkor prodott bi proċess ta' purifikazzjoni** Kompożizzjoni nutrizzjonali ta' Glukożju miksub mill-polpa tal-kawkaw (*Theobroma cacao* L.): Kontenut tal-glukożju (%): > 93 Irmied (%): < 0,2 Ndewwa (%): < 1,0 Kompożizzjoni nutrizzjonali ta' Fruttożju miksub mill-polpa tal-kawkaw (*Theobroma cacao* L.): Kontenut tal-fruttożju (%): > 98 Kontenut tal-glukożju (%): < 0,5 % Irmied (%): < 0,2 Ndewwa (%):< 0,5 Kriterji mikrobijoloġiċi għall-glukożju u l-fruttożju miksuba mill-polpa tal-kawkaw (*Theobroma cacao* L.): Għadd Totali tal-Kolonji (aerobiku) (cfu/g): < 10^4 *Salmonella* spp.: Assenza f'25 g"